# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 20 ta' Gunju 2022

Rikors Nru. **37/2022ISB**

**Ibrahim Yassine (K.I. nru 459903L)**

**Vs**

**Registratur tal-Kumpanniji**

Il-Qorti :

Rat ir-**Rikors** ta' Ibrahim Yassine tas-27 ta' April 2021, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemmek mfissra talab illi jerga' jiddahhal l-isem tas-socjeta` **Bibis International Limited** bin-numru ta' registrazzjoni **C-52162** fir-Registru tal-Kumpanniji ai termini tal-Artiklu 325 tal-KAP 386;

Rat illi r-Registratur intimat kien notifikat fl-4 ta' Mejju 2021 (vide tergo fol 6);

Rat ir-**Risposta** tar-Registratur tal-Kumpanniji tal-24 ta' Mejju 2021 u li permezz taghha, ir-Registratur elenka x'wassal ghad-de-registrazzjoni tal-kumpannija msemmija minn fuq ir-Registru, fosthom nuqqas ta'

sottomissjoni ta’ kontijiet u prospetti annwali u nuqqas ta’ hlasijiet dovuti, izda jghid illi fil-principju ma ghandux oggezzjoni illi l-kumpannija titqieghed lura fuq il-lista, mbasta illi tirregolarizza l-pendenzi kollha li ghandha, inkluz mill-hlas ta’ penali.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti Ibrahim Yassine bhala azzjonist u sid beneficcjarju tas-socjeta Bibis International Limited (C52162), ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li l-kumpannija giet mhassra mir-Registru tal-Kumpanniji fit-30 ta’ Gunju 2020.

Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza illi l-intimat Registratur kien baghat ittri lir-rikorrenti (esbiti mar-risposta tar-Registratur), fejn kien talabhom sabiex jikkonfermaw jekk il-kumpannija kinitx ghadha attiva jew le. Kienet intbaghtet ittra wkoll direttament fl-ufficju registrat tal-kumpannija fis-27 ta’ Frar 2020. Ma jirrizultax illi kien hemm risposti ghal dawn l-ittri.

Illi jirrizulta li l-kumpannija Bibis International Limited (C 52162), giet mhassra mir-Registru tal-Kumpanniji fit-30 ta’ Gunju 2020.

Illi r-rikorrenti jsostni illi l-kumpannija kienet ghadha operattiva fil-qasam tal-kostruzzjoni u ghalhekk kien hassu aggravat bid-decizjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji.

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija Bibis International Limited (C52162) kienet ilha snin mhux konformi mal-obbligi taghha, u principlament illi ghandha tipprezenta (i) l-prospetti annwali taghha mis-sena 2013 il-quddiem; (ii) l-kontijiet annwali mis-sena 2013 il-quddiem u (iii) informazzjoni dwar l-beneficcjarji. Minbarra hekk ghandha tithallas l-penali li tammonta ghal seba’ t’elef hames mija u sitta u hamsin Euro u hamsin centezmu (€7556.50) u ammont ta’ registrazzjoni fis-somma ta’ tlett elef mija u hamsin Euro (€3150).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi f'dawn l-proceduri kien hemm f'kollox erba' seduti effettivi.

Il-**ewwel seduta** nzammet fl-10 ta' Gunnu 2021, fejn dehret ir-rapprezentant legali tal-intimat Registratur izda la deher rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti u lanqas id-difensur tieghu.

It-**tieni seduta** nzammet fil1 ta' Ottubru 2021, u jirrizulta li dehret ir-rapprezentant legali tar-Registratur intimat u ukoll ir-rapprezentant legali tar-rikorrent fejn dan tal-ahhar talab aktar zmien sabiex l-istess rikorrenti jirregolarizza l-posizzjoni tieghu.

It-**tielet seduta** nzammet fil-15 ta' Dicembru 2021, izda fil-mori tad-differiment, ir-rapprezentat legali tar-rikorrent kien ipprezenta nota li permezz taghha kien iddikjara illi qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju tar-rikorrent. Ghalhekk f'din is-seduta il-Qorti akkordat l-ahhar differiment sabiex ir-rikorrent ikun jista' jinkariga rapprezentant legali iehor u jara illi jirregolarizza n-nuqqasijiet tal-kumpannija.

Ir-**raba' seduta** nzammet fil-11 ta' Marzu 2022, u jirrizulta illi dehret biss ir-rapprezentant tal-intimat Registratur, b'dan illi r-rikorrent kien msejjah tlett darbiet u ma deherx, u allura l-Qorti halliet ir-rikors ghall-llum ghall-provvediment ukoll wara li qieset n-nuqqas ta' interess tar-rikorrenti fil-proceduri istitwiti minnhu stess.

F'cirkostanzi ta' talbiet simili, il-Qorti dejjem kienet propensa illi taghti zmien adegwat u opportun sabiex rikorrenti jirregolarizza l-posizzjoni tal-kumpannija, bil-ghan illi t-talbiet jigu mbaghad meqjusa favorevolment. Aktar u aktar meta fl-ewwel seduta issir id-dikjarazzjoni illi saret mir-rapprezentant legali tal-istess rikorrenti. Dan, irid jinghad, isir ukoll fl-isfond tal-posizzjoni ragjonata u ekwa illi jiehu r-Registratur intimat.

Imma meta, bhal f'kaz bhal dan odjern, rikorrent jonqos mid-dmirijiet tieghu, allura l-Qorti ma tistghax ma tqisx dan l-atteggjament bhala hela ta' hin ghaliha u ghal kulhadd.

Jirrizulta illi r-Registratur bghat tlett ittri qabel ma ghadda biex jikkancella l-isem tal-kumpannija, u ghall-ebda wahda minhhom ma kien hemm risposta. Gja, fl-umli fehma tal-Qorti, dak huwa nuqqas li l-ligi tipprovdi ghalih ghaliex tawtorizza lir-Registratur jghaddi biex jikkancella l-isem ta' kumpannija.

Jirrizulta mbaghad, illi minkejja d-dikjarazzjonijiet maghmula, it-talbiet ghal estensjoni ta' zmien u l-istess zmien estiz minn darba ghall-ohra illi nghata, ir-rikorrent baqa` inadempjenti u ma ghamel xejn.

L-intimat Registratur kien dispost ighin, il-Qorti akkordat bizzejjed zmien – imma r-rikorrent ma hatafx l-opportunita' illi jaghmel l-parti tieghu. Ittraskura l-istess proceduri li ressaq hu. It-tort ta' dan huwa tieghu u tieghu biss.

**GHALHEKK**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkonsiderat, inkluz dak verbalizzat fil-kors tal-proceduri, qed tghaddi sabiex **<u>tichad</u>** it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez ta' din il-procedura jkunu a karigu tar-rikorrent,

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Regitratur**